MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Numru. 388/2008

Il- Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

-vs-

***Omissis***
***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmija *Omissis* u *Omissis*.

Akkuzati talli:

Fil-25 ta' Frar, 2008, fiz-Zejtun bejn is-2:00pm u 2:30pm ikkomettew serq ta' mobile phone tal-marka Nokia ghad-dannu ta' Brian Abela minn Hal Ghaxaq, liema serq ma jeccedix il-mitejn, tnejn u tletin euro u erbhga u disghin centenzmu Ewro (€232.94) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261,

263 (a), 271 (g), 278 (2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U lill *Omissis* wahdu talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel. Il-Qorti, gentilment mitluba li tikkunsidra l-imsemmi imputat bhala li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti nhar:

1.Il-4 ta’ Lulju, 2006 kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr.A. Vella LL.D ta’ diversi serqiet u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal sentejn.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom waqt l-udjenza mizmuma llum 9 ta’ Gunju 2008 u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 37, 49, 261(b)(g), 263, u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija, il-fedina penali taghhom u l-fatt li huma ghadhom minorenni.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputati ghandhom problema b'l-abbuz tal-vizzju tad-droga u li t-tnejn li huma bdew minn jeddhom programm ta' riabilitazzjoni.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhiex indikata u li ghandha tapplika fil-konfront taz-zewg imputati l-provvediment ta'l-artikolu 7 tal-Kap 466.

Ghal dawn il-motivi

Fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 37, 261(b)(g), 263, u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ***Omissis*** hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni ta' *probation* mghoti kontestwalment inkluz li jhallas lill-parte leza Brian Abela is-somma ta' erbgha u ghoxrin Euro u hamsin Euro centezmi (Euro24.50) fi zmien xahar mill-llum u li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju ta'l-abuzz mid-droga.

Fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 37, 49, 261(b)(g), 263, u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ***Omissis*** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni ta' *probation* mghoti kontestwalment inkluz li jhallas lill-parte leza Brian Abela is-somma ta' erbgha u ghoxrin Euro u hamsin Euro centezmi (Euro24.50) fi zmien xahar mill-llum u li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju ta'l-abuzz mid-droga. In oltre l-Qorti qed testendi l-perjodu ta' *probation* indikat fis-sentenza datata 4 ta' Lulju 2006 ghal perjodu iehor ta' sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja *Omissis* u *Omissis* fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett snin u jekk ma jsegwux l-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------